Kunsill Lokali Ħal Balzan
7/9, Triq Dun Spir Sammut,
Ħal Balzan

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 47

Data tal-laqgħa: 19 ta` April 2018

Il-Kunsilli Lokali Ħal Balzan ltaqa` fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fl-4.00 ta` filgħaxija.

### PREŻENTI:
Nutar Ian Spiteri – Sindku
Andre` Grech – Viċi Sindku
Daniel Muscat – Kunsillier
Desmond Zammit Marmara` – Kunsillier
Joe Galea – Kunsillier

### ASSENTI b`APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Ma kien hemm ebda membru assenti b`apoloġija.

### ASSENTI:
Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:
Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv (SE)

# Minuti

Is-Sindku in-Nut. Ian Spiteri ippresjeda l-laqgħa.

## 47.1 Qari tal-ittri ta` apoloġiji

47.1.1 Ma kienx hemm ittri ta` apoloġiji.

## 47.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 46

47.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tas-Sitta u Erbgħin Laqgħa. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

47.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-minuti kienu approvati unanimament.

## 47.3 Punti li joħorġu mill-Minuti

47.3.1 Para 46.3.2 - *Main* tal-ilma fi Triq Idmejda
Is-SE infurmat lill-Kunsill bir-risposta tad-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali, fejn qed jgħid li peress li x-xogħlijiet jirrelataw direttament mal-WSC u li l-Kunsill bħalissa m'għandux kuntrattur biex imexxi x-xogħlijiet, il-Kunsill jista` jqajjem din it-talba meta l-WSC tkun tista' tippreżenta kwotazzjoni uffiċjali u bid-dokumentazzjoni xierqa għall-approvazzjoni tal-Ministru. Il-WSC ġew infurmati b`dan sabiex jibdew il-proċess biex joħorġu sejħa għall-offerti.

47.3.2 Para 46.3.3 - Ħsarat fil-pavimentar tal-pjazza
Is-SE infurmat lill-Kunsill li dwar il-garanzija tax-xogħlijiet tal-proġett tal-ERDF kitbet lill-PPCD u qed tistenna risposta.

47.3.3 Para 46.9.5 - Ġieħ Ħal Balzan 2018
Is-SE infurmat lill-Kunsill li l-Eċċellenza Tagħha Marie-Louise Coleiro Preca, tista` tingħata l-premju ta` Ġieħ Ħal Balzan.

47.3.4 Para 46.9.7 - Talba biex titneħħa bozza minn mal-faċċata
Is-SE infurmat lill-Kunsill lir-residenta ma qablitx li tħallas l-ispejjeż hi għax qed tallega li l-bozza antika u qed tikkawża ħsara mal-faċċata u li ser tkun qed tieħu parir mingħand l-avukat tagħha.

47.3.5 Para 46.9.10 - *Traffic calming measures* fi Triq il-Qarċilla
Is-SE infurmat li *road* hump bit-*tarmac* tiġi tiswa madwar €2,500, ħafna għola minn dawk tar-*rubber.* Il-Kunsill qabel li ninfurmaw lill-gwardjani lokali bil-problema sabiex isir infurzar regolari.

## 47.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

47.4.1.1 Kunsill tal-istudenti tal-iskola Primarja tal-Kulleġġ San Alwiġi
Is-Sindku infurma lill-Kunsill li attendna għall-laqgħa tal-Kunsill tal-istudenti tal-iskola Primarja tal-Kulleġġ San Alwiġi. L-istudenti ppreżentaw rapport ta` nuqqasijiet li hemm fiż-żona tal-iskola għall-attenzjoni tal-Kunsill.

47.4.1.2 Issemmiet il-*barrier* li hemm quddiem l-iskola, fejn ġie nnutat li din il-*barrier* hija twila ħafna, b`konsegwenza lit-trasport tal-iskola qed ikollu jwaqqaf lill-istudenti `il bogħod mill-entratura. Il-Kunsill qabel din il-*barrier* għandha tiġi ssepartata f`żewġ *barriers* biex jitħalla spazju minn fejn jgħaddu l-istudenti. Il-qies ser jiġi ndikat mill-iskola stess.

47.4.1.3 Issemmiet il-problema li karozzi qed jgħaddu bi *speed* eċċessiv. Qed jissuġġerixxu li quddiem il-kappella fi Triq San Franġisk ssir jew *sleeping policeman* jew isir *tarmac* aħmar biex karozzi

awtomatikament inaqqsu l-i*speed.* Se tinġieb kwotazzjoni ta` dan it-tip ta` *tarmac.* Il-Kunsillier Daniel Muscat qal li xi nies qed jissuġġerixxu li dik il-parti tat-triq tingħalaq għat-traffiku kollu u tiġi *pedistrian zone.* Ġie nnutat li jekk din il-parti tingħalaq għall-karozzi, ser tiżdied il-problema.

47.4.1.4 Qed jitolbu ukoll li jsir *litter bin* fiż-żona tal-iskola. Se jinġiebu kwotazzjonijiet u se jiġu stabbiliti aktar żoni fejn hemm bżonn li jitqiegħdu.

47.4.2.1 <u>Siġar fejn *Smugglers Pub* fi Triq il-Kbir</u>
Is-Sindku infurma lill-Kunsill li hemm bżonn li jsir *trimming* tas-siġar. Is-SE qalet li diġa` infurmaw lill-ELC Ltd u ser tibgħat *reminder*.

47.4.3.1 <u>Tabelli tan-*No Parking* li jinħarġu mill-Kunsill</u>
Dwar it-tabelli tan-*No Parking* li jinħarġu mill-Kunsill, is-Sindku innota li qed jintalbu għal tul ta` żmien (eż: għal ħmistax sħaħ), minnflok il-ġranet li hemm bżonn li jsir ix-xogħol. Dan peress li l-Kunsill iżomm €1.00c għal kull *parking bay*. Ġie deċiż li mill-1 ta` Mejju 2018, it-tariffa ssir ta` €1.00c għal kull *parking bay* għal kull ġurnata.

## 47.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

47.5.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet tal-Kunsilliera.

## 47.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta` Rapporti

47.6.1.1 <u>Aġġustamenti proposti mill-Udituri tal-Gvern għar-Rapport Finanzjarju għas-sena 2017</u>
Is-SE qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill ir-Rapport Finanzjarju għas-sena 2017 kif emendat wara li sar l-*Audit* (anness). Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

47.6.1.2 Il-Kunsill approva dan ir-rapport unanimament u disa` (9) kopji tar-rapport ġew iffirmati mis-Sindku u mis-SE biex juru li huwa dokument korrett.

47.6.2.1 <u>Rapport Finanzjarju għat-tlett xhur minn Jannar sa Marzu 2018</u>
Is-SE qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill ir-Rapport Finanzjarju għat-tlett xhur minn Jannar sa Marzu 2018 (anness). Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

47.6.2.2 Ir-rapport ġie approvat unanimament.

## 47.7 *One-Way System* fi Triq Guze Bonnici u toroq tal-madwar

47.7.1 Is-Sindku qal li qed jirċievi diversi lmenti dwar il-*One Way system*, fejn hemm min qabel u min ma qabilx.

47.7.2 Il-Kunsill se jistenna sal-aħħar ta` April sakemm jgħaddi l-perjodu li l-Kunsill se jkun qed jieħu l-*feedback* tar-residenti. Kif jgħaddi dan il-perjodu, il-Kunsilliera ser jiltaqgħu biex tittieħed deċiżjoni finali.

## 47.8 Ilmenti u *Items* oħra ta` xogħol ieħor tal-Kunsill

47.8.1 <u>Kwotazzjonijiet għas-servizzi Legali</u>
Is-SE infurmat lill-Kunsill bl-ittri ta` referenza li bgħatu ż-żewġ (2) avukati. It-tielet (3) avukat ma ġietx mitluba tibgħat ittra ta` referenza peress li l-Kunsill ġieli għamel użu mis-servizzi tagħha. Il-Kunsill unanimament approva l-irħas offerta ta` Dr Abigail Critien.

47.8.2.1 <u>*Default Notice – Ġbir ta` skart*</u>
Ġiet innutata l-*email* mis-Sur Mario Tufigno bid-data tat-22 ta` Marzu 2018 fejn qed jitlob lill-Kunsill

jikkunsidra li jirtira d-*Default Notice* maħruġa fil-15 ta` Marzu 2018. Is-Sur Tufigno qed jgħid li l-Kunsill aġixxa kontra l-proċeduri stabilliti.

47.8.2.2 Għalkemm ġie nnotat titjib immedjat fis-servizz ipprovdut wara li nħarġet d-*Default Notice*, il-Kunsill iddeċieda li ma jirtirax din id-*Default Notice* għar-raġunijiet imsemmija fl-istess d-*Default Notice* maħruġa fil-15 ta` Marzu 2018.

47.8.3 Ċirkulari AKL 2018/040 – Linji Gwida għall-aġġudikazzjoni ta` tenders

Ġiet innutata Ċirkulari AKL 2018/040 – Linji Gwida għall-aġġudikazzjoni ta` tenders mibgħuta mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali. Is-SE qalet li għalkemm l-Assoċjazzjoni qed tikkomunika li l-Kunsilli jkomplu jaġġudikaw il-kuntratti bil-metodu qabel ma nħarġu d-direttivi, il-Kunsill xorta huwa obbligat li jimxi mal-Liġi (S.L. 174.04) u mal-Linji Gwida maħruġa mid-Dipartiment għall-Kunsilli Lokali.

47.8.4.1 Tender *għal Leasing of a Light Duty Vehicle with low emissions* u Tender għas-servizz ta` ġbir ta` skart goff

Is-SE infurmat lill-Kunsill s-sejħa għall-offerti ta` dawn iż-żewġ Tenders ġew maħruġa bis-sistema tal-ePPS u s-sottomissjonijiet se jagħlqu fl-10 ta` Mejju 2018.

47.8.4.2 Il-Kumitat tal-Evalwazzjoni se jkun magħmul minn dawn il-membri:
Segretarju: Is-SE, Doriette Farrugia
Chairperson: Il-Kunsillier Daniel Muscat
Evalwaturi: L-avukat Dr Abigail Critien
L-*accountant* tal-Kunsill, Mark Debono

47.8.4.3 Dwar l-evalwatur tekniku, is-SE ġabet żewġ (2) kwotazzjonijiet:
Galea Curmi Engineering - €297.36 (VAT inkluż) għal kull tender;
Synthesis Management Services Ltd - €10.62 (VAT inkluż) kull siegħa.

Il-Kunsill unanimament approva l-offerta ta` Synthesis Management Services Ltd għax hija l-irħas offerta, meta tqis li evalwazzjoni ma ddumx aktar minn għaxar (10) siegħat biex tiġi konkluża.

47.8.4.4 Il-Kunsill qabel ukoll li jekk sa qabel ma jagħlaq iż-żmien tas-sottomissjonijiet, nirċievu xi komunikat mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, dan il-kumitat jista` jiġi mibdul skond l-istruzzjonijiet li l-Kunsilli jingħataw.

47.8.4.5 Il-Kunsillier Joe Galea u l-uffiċjal eżekuttiv Mariella Casha se joqgħodu *Opening Staff*.

47.8.5 *One Way Traffic* fi Triq Annibale Preca, Ħal Lija

Ġiet innutata talba minn Transport Malta biex Triq Annibale Preca tiġi *one-way* fil-ħinijiet tat-traffiku bejn is-7.00am u d-9.00am. Il-Kunsill jaħseb li l-impatt fuq Ħal Balzan se jkun negattiv.

47.8.6 Ċirkulari AKL 2018/034 – Performing Rights Society

Ġiet innutata Ċirkulari AKL 2018/034 – Performing Rights Society mibgħuta mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali fejn qed jinfurmaw li din is-sena l-Assoċjazzjoni mhux ser tkun wiegħda ġġedded il-liċenzja li għaliha kienet tiġbor il-flus minn kull Kunsill. Għalhekk, kull Kunsill li jkun se jorganizza xi attivita` fejn tkun ser tindaqq mużika irid jagħmel kntatt mal-Performing Rights Society biex tiġi rregolarizzata l-pożizzjoni tal-Kunsill, kif ukoll titħallas il-liċenzja li jkun hemm bżonn.

47.8.7 Parking fuq il-bankina quddiem Kola Store

Ġiet diskussa l-kwistjoni li ta` kuljum qed ikun hemm karozzi pparkjati fuq il-bankina quddiem Kola Store fil-pjazza. Ġie deċiż li l-Kunsill japplika għal permess ta` Transport Malta sabiex isiru *parking bays* fuq il-bankina b`tali mod li jitħalla aċċess ta` 1.2m għall-*pedestrians.* Il-Kunsill qabel ukoll li tingħata prijorita` jekk il`quddiem issir xi talba biex jitpoġġew mwejjed u siġġijiet u għalhekk dawn il-*parking bays* jiġu mneħħija.

47.8.8.1 Bring-in-Site f`Wesgħa Profs Guze Aquilina

Il-Kunsillier Joe Galea semma l-problema li kontinwament qed jintrema skart madwar il-kontenituri tal-Bring-in-Site u għalhekk qed jissuġġerixxi li jew jitneħħew jew li kull Kunsillier jagħti ċertu ħin

sabiex jiddawwru l-filmati.

47.8.8.2 Il-Kunsill ma jaqbilx li jitneħħew għax ta` l-inqas għandu jkun hemm post wieħed fejn residenti jistgħu jarmu u lanqas jaqblu li dan huwa xogħol tal-Kunsilliera li jiddawwru l-filmati. Għalhekk ġie deċiż li jekk jaċċettaw il-ħaddiema klerikali, jagħmlu dan ix-xogħol skond il-ħtieġa, wara l-ħin u jitħallsu *overtime*.

47.8.9 <u>Ċirkulari Numru SPI 3/2018 – Skema ta` tagħlim u proġetti edukattivi fil-komunita`</u>
Ġiet innutata Ċirkulari Numru SPI 3/2018 – Skema ta` tagħlim u proġetti edukattivi fil-komunita' mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Il-Kunsill iddeċieda li ma japplikax għax ma jkunx hawn konkorrenza f`dawn is-suġġetti li jistgħu jiġu organizzati.

47.8.10.1 <u>Bankina quddiem 18, Triq il-Kbira</u>
Il-Kunsillier Daniel Muscat infurma lill-Kunsill li mhux se jkun parti minn din id-diskussjoni peress li għandu kunflitt ta` interess, peress li din il-bankina tinsab quddiem il-proprjeta` tiegħu. Hu spjega lill-Kunsill bil-problema fejn qal li meta sabu il-bir taħt id-dar, sabu lix-xorok ta` taħt il-bankina mkisrin u l-kumplament kienu fi stat tajjeb. Għalhekk qed jingħad lix-xorok ġew imkissra meta saret il-bankina. Hu qal li l-bankina nqalgħet biex jiġu rranġati x-xorok u l-bankina reġgħet ġiet irranġata kif kienet. Bħala residenti qed jitolbu kumpens għall-ispejjeż biex reġgħet ġiet irranġata l-bankina.

47.8.10.2 Is-SE qalet li l-bankina ilha hemm żgur għal dawn l-aħħar għaxar (10) snin u għandhom jiġu ppreżentati provi li l-ħsara saret meta saret il-bankina. Il-Kunsilliera (minbarra Daniel Muscat) ddiskutew u qablu li jiġi ppreżentat rapport minn perit bħala prova li l-ħsara ġrat meta saret il-bankina u din it-talba terġa tiġi diskussa meta jiġi ppreżentat ir-rapport.

47.8.11.1 <u>Talba biex jitpoġġa *tower crane* quddiem 50, Triq Patri Guze Delia</u>
Is-SE infurmat lill-Kunsill li waslet talba biex jitpoġġa *tower crane* quddiem 50, Diorama, Triq Patri Guze Delia. Dan se jkollu bażi ta` 4.5m x 4.5m u se jitpoġġa parti fuq il-bankina u l-*parking bays* (3m x 4.5m) u l-kumplament fil-binja.

47.8.11.2 Il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni bil-kundizzjoni li tinbena bankina temporanja madwar it-*tower crane* għas-spejjeż tal-applikant. Kien hemm qbil ukoll li l-applikant għandu jħallas għal 4 xhur permess bil-quddiem.

47.8.12 <u>SEAP</u>
Dan ir-rapport (*Sustainable Energy Action Plan*) se jiġi diskuss aktar `il quddiem.

47.8.13 <u>Suġġeriment biex Wesgħa Profs. Guze Aquilina tinbidel f`*Avenue*</u>
Resident qed jissuġġerixxi biex Wesgħa Profs. Guze Aquilina tinbidel f`Avenue u jitħawwlu siġar mal-ġenb tat-triq. Dan is-suġġeriment qed jiġi kkunsidrat b`mod favorevoli mill-Kunsill. Il-Kunsill qed jaqbel li minħabba raġunijiet ta` sigurta` minħabba Dar Merħba Bik, jitħawwlu siġar man-naħa tal-għalqa biss. Din il-materja ser tiġi diskussa fid-dettall aktar `il quddiem.

47.8.14 <u>Ħarġiet għall-Anzjani</u>
Il-Kunsill iddiskuta l-prezz miżeru ta` €5 li jħallsu għal ħarġiet tal-Anzjani. Dan il-prezz issussidjat mill-Kunsill ikopri l-ikel, id-dħul u t-trasport. Ġie deċiż li dan għandu jgħola għal €6 biex ta` l-inqas il-Kunsill ikopri parti żgħira mill-ispiża u jiġi evitat li jitnaqqsu xi ħarġiet peress li l-allokazzjoni għal din is-sena għal dawn il-ħarġiet waslet biex tintnefaq kollha.

## 47.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta` pagamenti

47.9.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta` pagamenti nru. 4/18 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta` €21,904.16.

47.9.2 L-iskeda ta` ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Desmond Zammit Marmara` li kien issekondat mill-Viċi Sindku Andre` Grech. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

47.9.3 Dwar pagamenti relatati mal-Ħarġiet tal-Anzjani, meta l-post ta` fejn issir il-ħarġa ma jkunx f`pożizzjoni li jipprovdi *invoice* lill-Kunsill, il-Kunsill japprova li dawn jiġu mħallsa dakinhar stess tal-ħarġa, u għalhekk qabel ma jiġu awtorizzati mill-Kunsill.

47.9.4 Is-SE fakkret lill-Kunsill dwar l-*invoice* li tammonta għas-somma ta` €3,304.00 mingħand MED Developers, Designers + Consultants Ltd għas-servizzi ta` perit. Is-SE qalet li l-perit infurmaha li din l-*invoice* hija relatata max-xogħlijiet tad-disinn u l-preparazzjoni ta` pjanti bbażati fuq is-*surveys* topografiċi li kienu saru. Is-SE infurmat li, l-Kunsill qatt ma rċieva kwotazzjonijiet ta` dan. Il-Kunsill ikkonferma li din l-ispiża qatt ma ġiet approvata mill-Kunsill. Il-Viċi Sindku se jistieden lill-Perit biex ikun preżenti fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

## 47.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

47.10.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.25pm.

47.10.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar it-Tnejn, 21 ta` Mejju 2018.

Konfermati, illum it-Tnejn, 21 ta` Mejju 2018.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Nut. Ian Spiteri | Doriette Farrugia |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |